Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 23 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta, 15 ta' Frar 2011

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Tenders (Resurfacing ta' Toroq bil-PPP, provista ta' Konkrete u Manteniment tal-Lattrini Pubblici)*
5. *Preparamenti għall-budget għas-sena 2011*
6. *Preparamenti għall-Laqgħa Ġenerali Annwali*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

## PREŻENTI

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Vici-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, Il-Kunsillier Giovanni Gatt, il-Kunsillier Maria Said u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 Gie rrapurtat kif ir-rapport dwar ix-xoghol tal-aluminium intbghat lil On. Chris Said u lid-Direttur tal-Gvern Lokali. L-On. Chris Said baghat acknowledgement.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

1.3 Gie deciz li skont kif kien semma il-Kunsillier Giovanni Gatt fl-ahhar seduta, tintbghat ittra lill-Enemalta biex issir talba sabiex t-transformer tas-substation ta' Triq il-Haddeddin jiddahhal gewwa din is-substation. Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Korrispondenza minghand id-Direttur tal-Indafa Pubblika dwar hmieg fl-inhawi ta' Bingemma. Il-Kunsillier Giovanni Gatt, wara decizjoni tal-Kunsill, ser imur jitkellem mar-residenti tal-inhawi biex iheggighom inaddfu l-akwati.

2.3 Korrispondenza minghand is-Sur Stefan Caruana biex isiru korsijiet tad-Drama fl-Imgarr. Ghandu isir meeting bejn is-Sur Caruana, il-Kunsillier Clayton Gauci u s-Segretarju Ezekuttiv biex jigi evalwat dan il-progett.

2.4 Korrispondenza minghand is-Sur Pierre Mejlak (OPM) dwar il-possibilita' li jittella' programm televiziv mil-lokal. Filwaqt li l-Kunsill jaqbel ma' din l-inizjattiva, ma jistax jiehu sehem peress li s-somma ta' hlas mitluba (€800) hija wahda eccessiva ghal-Kunsill. Is-Sindku ghandu jitkellem direttament mas-Sur Mejlak dwar dan.

2.5 Korrispondenza minghand l-Oratorju Mgarr dwar il-Maratona Sports biex il-Kunsill joffri ghajnuna finanzjarja. Il-Kunsill, filwaqt li jappogga din l-inizzjattiva u jghati l-ghajnuna kollha possibli, ma jistax jaghti donazzjonijiet fi flus.

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku ta' rendikont tal-andament tal-attivita' Gieh l-Imgarr. Ippropona li titwaqqaf kummissjoni ta' 5 min-nies bl-ghan li ssir revizjoni ta' din l-attivita'. Gew proposti dawn il-persuni: is-Sur Paul Vella (Sindku), is-Sur Clayton Gauci (Kunsillier), is-Sur David Battistino, is-Sinjura Agnes Camilleri u s-Sinjura Mary Cauchi.

3.2 Is-Sindku informa li kienet ser issir attivita' ta' thawwil ta' sigar is-Sibt, 19 ta' Frar.

3.3 Is-Sindku nforma li l-Awtorita' tad-Djar kienet ser tohrog skema ta' rigenerazzjoni tal-Common Areas tal-binjiet tal-Housing Estates. Il-Kunsill, filwaqt li jaqbel ma' din l-iskema u be hsiebu jikoopera fiha, qieghed jistenna gwidi ufficcjali min-naha tal-AKL dwar kif l-ahjar li jimxi.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

ŻGHIR B'QALB KBIRA

4 *Tenders*

4.1 Dwar it-tender tal-PPP, il-Kunsill qed jistenna l-ahhar rapporti min-naha tal-periti biex ikun jista' jmexxi u jikkonkludi l-aggudikazzjoni ta' dan it-tender.

4.2 Dwar it-tender tal-latrini, il-Kunsill qabel li jitkellem mad-Direttur tal-Gvern Lokali fil-laqgh li ser ssir dalwaqt biex jigi propost li d-Direttorat tal-Indafa Pubblika tibqa' tiehu hsieb dawn il-lattrini

5 **Preparamenti għall-Budget 2011**

5.1 Gie nnuttat li saru diversi laqghat ta' konsultazzjoni bejn is-Segretarju Ezekuttiv u l-Accontant s-Sur Louis Padovani biex jitlesta x-xoghol relatat mal-budget.

6 **Laqgħa Ġenerali Annwali**

6.1 Peress li kien hemm impenji ohra ghal-uhud mill-membri tal-Kunsill, id-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali inbidlet u ser issir il-Hamis, 17 ta' Frar.

9 **Affarijiet Mixxellanji**

9.1 Il-membri tal-Kunsill gew infurmati li s-Sur Carmel Abela, d-Direttur il-gdid tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ser izur l-ufficcju amministrattiv nhar it-Tlieta 22 ta' Frar biex jiltaqa' mal-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv bil-ghan li jiddiskuti maghhom l-andament u l-operat tal-Kunsill.

9.2 Saret proposta biex jibda' l-process biex tkun tista' ssir by-law dwar il-kiri tas-Sala fil-bini tal-Kunsill ghal-funzjonijiet privati.

9.3 Is-Sur Eman Vella habbar kif il-Heritage Malta qed jahsbu li jaghmlu zewg attivitajiet fit-tempji neolitici tal-lokalita' bhala parti mil-progett tal-Maltese Temples Landscaping Project (MTLP).

9.4 Is-Sur Eman Vella spjega l-involviment tieghu fil-LAG (Majjistral Action Group) u kif il-lokalita' tista tibbenifika u toffri l-ghajnuna taghha f' dan il-progett.

9.5 Is-Sur Clayton Gauci informa dwar il-Maratona Sports li ser tigi organizzata fl-Oratorju fit-22 ta' Frar. Ghal din l-attivita' ikun hemm bzonn li tinghalaq parti mit-triq bejn Santa Marija u San Pawl matul il-gurnata tal-avveniment.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

9.6 Il-Kunsilliera Maria Said irrapurtat dwar il-problema ta' l-iskart fi Triq il-Kbira u pproponiet li titwahhal sticker biex ir-residenti ma jarmux zibel f' dawk l-inhawi.

9.7 Il-Kunsillier Giovanni Gatt fakkar dwar il-kors tal-weight-loss mill-kumpanija Herbalife. Ser issir laqgha bejn il-kumpanija u s-Segretarju Ezekuttiv biex dan il-kors isir.

9.8 Giovanni Gatt semma li kien gie avvicinat mis-Sur Peter Paul Ciantar peress li dan ghandu xi informazzjoni interessanti dwar is-surmast Givanni A. Cilia. Is-sur Gatt ghandu jghaddi aktar informazzjoni lill-Kunsill fil-granet li gejjin u ppropona li ssir attivita' fejn dan il-personagg jitfakkar kif xieraq.

9.9 Giovanni Gatt fakkar li kellha ssir plakka kommemorattiva hdejn is-sigar taz-zebbug fi Triq Bingemma.

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fit-8.00pm.

Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar it-Tlieta, 8 ta' Marzu 2011, fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

# Kunsill Lokali Mgarr

## Paid Payments Still To Be Confirmed

**From Date** **12.01.2011** **To Date** **14.02.11**

| Ref No | Payment | | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|---|
| 8677 | Rita Vella | Triq il-Karamelli - Construction Material | 115.47 | |
| 8678 | AKL | Jan 2011 - Convenant of Mayors | 62.00 | |
| 8679 | AKL | Jan 2011 - Convenant of Mayors | 135.00 | |
| 8680 | AKL | Year 2011 - Money Insurance | 63.00 | |
| 8681 | G4S Security Services | Aug / Sept '10 - Cash in Transit | 53.27 | |
| 8682 | Maltapost | Postage Stamps | 57.00 | |
| 8683 | Asphaltar Ltd | Refund of Withdrawal of Tender receipt 6158 | 50.00 | |
| 8684 | Maltapost | Postage Stamps | 57.00 | |
| 8685 | Hugh Arnett | Wk 1 - 4 - Traffic Management Cons. | 86.00 | |
| 8686 | Nancy Abela | Wk 1 - 4 - Cleaning Services | 363.44 | |
| 8687 | CIR | Wk 1 - 4 - Tax & N.I. | 1349.98 | |
| 8688 | Mgarr Local Council | Jan 2011 - Petty Cash | 116.27 | |
| 8689 | Bitmac | 50 Patching Bags | 192.34 | |
| 8690 | CIR | 2010 - Councillors Tax | 960.00 | |
| 8691 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8692 | Cancelled | Cancelled | 0.00 | |
| 8693 | CIR | 2010 - Paul Vella Tax | 2104.77 | |
| Bank Transfer | Administrative Staff | Wk1 to Wk4 - Salaries | 4482.07 | |
| Bank Transfer | Mayor | Wk1 to Wk4 - Honoraria | 387.71 | |
| Bank Transfer | Handymen | Wk1 to Wk4 - Salaries | 3833.50 | |
| Bank Transfer | Councillors | June to Dec 2010 - Councillor's & Mayor's Allowance | 2720.00 | |
| Bank Transfer | Mayor | Dec 2010 - Honoraria | 839.07 | |
| | | | 18027.89 | |

**Approved on 11.01.2011** **€** **18027.89**

Councillors: